## Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.

**Twissija**

B'ordni ai termini tal-artikolu 167(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandek tidher quddiem il-Qorti hawn fuq indikata fil-jum u fil-ħin li jiġu mogħtija lilek.

MS (K.I. XX) u

I aħwa S (K.I. XX)

*vs*

AM (K.I. XX) u

NRD (K.I. XX)

## Rikors Ġuramentat ta' M u I aħwa S;

Jesponu bir-rispett u bil-ġurament tagħha IS tikkonfermaw is-segwenti fatti li taf bihom personalment:

1. Illi b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar XX XX tal-XX XX XX (Dok. A), RS ikkonċediet il-fond XX (X) fi Triq XX, XX b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' XX (X) sena dekoribbli mid-data tal-att lil BS u lill-konvenuta AM u dan versu l-*canone*, il-pattijiet u kundizzjonijiet li jissemmew fl-istess att;

2. Illi permezz ta' kuntratt ta' firda personali fl-Atti tan-Nutar XX XX tal-XX XX XX (Dok. B) bejn BS u l-konvenuta AM, l-*utile dominju* temporanju ġie assenjat lill-intimata AM;

3. Illi sussegwentement u cjoe permezz ta' kuntratt ieħor fl-Atti tan-Nutar XX XX tal-XX XX XX (Dok. Ċ), il-konvenuta AM ittasferiet lill-konvenut l-iehor NRD nofs indiviż tal-istess *utile dominju* ghall-perjodu li kien ghad fadal u dan b'titolu ta' donazzjoni;

4. Illi sadanittant, permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar XX XX datat XX XX XX (Dok. D), RS ittrasferiet b'titolu ta' donazzjoni

irrevokabbli lill-istanti diversi proprjetajiet immobiljari fosthom l-*utile dominju* perpetwu tal-fond *de quo*;

5. Illi stante li l-koncessjoni enfitewtika temporanja a favur tal-konvenuti ghalqet nhar il-XX XX XX u billi tali koncessjoni kienet saret wara li gew fis-sehh l-emendi fil-ligi tal-kera tal-1995, ma japplikawx id-dispozizzjonijiet tal-ligi li b'xi mod jittrasformaw tali koncessjoni f'kirja;

6. Illi minkejja dan, il-konvenuti baqghu jokkupaw il-fond *de quo* minghajr titolu validu fil-ligi u sahanistra ddepozitaw somma in linea ta' kera permezz ta' cedola ta' depozitu numru XX/XXXX (Dok. E);

7. Illi ghal kull buon fini jigi dikjarat li skond id-dispozizzjonijiet tal-Art. 16(3) tal-Kap. 158, kif emendat bl-Att XXXI tal-1995, id-dispozizzjonjiet tal-Art. 12 tal-istess Kap. 158 ma japplikawx ghal koncessjonijiet enfitewsi li saru wara l-1 ta' Gunju 1995, bhalma hu l-kaz odjern;

8. Illi għalhekk l-esponenti permezz ta' ittra ufficcjali numru XXX/XXXX (Dok. F) interpellaw lill-konvenuti sabiex jivvakaw mill-fond *de quo* izda l-konvenuti baqghu inadempjenti;

9. Illi b'ittra ufficcjali numru XXX/XXXXX prezentata nhar l-XX XX XX (Dok. G), il-konvenuti wiegbu ghall-millantazzjoni tal-esponenti billi qalu li l-pretensjoni tal-esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti ma kellhom ebda komunikazzjoni mal-esponenti rigward tali enfitewsi u li l-konvenuti kienu qeghdin jaghmlu arrangamenti ma' terza persuna rigward dan il-fond;

10. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawza;

11. Illi sa fejn jafu l-esponenti, fil-kaz odjern jirrikorru l-kweziti li trid il-ligi sabiex din il-kawza tigi mismugha u deciza bil-procedura sommarja specjali u li l-konvenuti m'għandhom l-ebda eċċezzjonijiet validi x'jagħtu f'dina l-kawża;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-konvenuti għandhom jiġu kkundannati sabiex jiżgumbraw mill-fond urban bin-numru uffiċċjali XX (X) fi Triq il-XX, il-XX stante li qegħdin jokkupawh mingħajr titolu validu fil-liġi u billi jokkorru l-elementi meħtieġa skont l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12, din il-kawża għandha tinstema' u tinqata' bil-proċedura sommarja speċjali;

Għaldaqstant, l-atturi, jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjoniiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tisma' dina l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jiżgumbraw mill-fond urban bin-numru uffiċċjali XX (X) fi Triq il-XX, il-XX stante li qegħdin jokkupawh mingħajr titolu validu fil-liġi u dan entro terminu qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss;

Bl-ispejjeż, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru XX/XXXX (Dok. F) u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti kontra l-konvenuti minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Atturi: 35, XX, Triq XX, San Pawl il-Baħar

Konvenuti: 136, Triq il-Kbira, il-Ħamrun

**NOTIFIKI SEPARATI**

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

MS *et*

*vs*

AM *et*

**Lista tax-Xhieda;**

L-esponenti ghall-konferma tal-fatti u sabiex jelaboraw dwarhom;

Qraba tal-esponenti inkluz MS u VS sabiex jixhdu dwar il-fatti;

In-nutara li quddiemhom saru atti li jirrigwardaw il-fond *de quo* jew konservtauri tal-atti taghhom sabiex jixhdu dwar l-istess atti;

Direttur, Qrati u Tribunali Civili sabiex jixhed dwar atti gudizzjarji li jirrigwardaw il-fond *de quo*;

Il-Konvenuti ghall-konferma tal-fatti u ghas-subizzjoni.

Avv. John Bonello

P.L. Jean-Pierre Busuttil

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

MS *et*

*vs*

AM *et*

**Lista ta' Dokumenti;**

| | |
|---|---|
| Dok. A | Kuntratt fl-Atti tan-Nutar XX XX tal-XX XX XX li permezz tieghu RS ikkonċediet il-fond XX (X) fi Triq il-XX, il-XX b'titolu ta' enfitewsi temporanja lil BS u lill-konvenuta AM; |
| Dok. B | Kuntratt ta' firda personali fl-Atti tan-Nutar XX XX tal-XX XX XX bejn BS u l-konvenuta AM; |
| Dok. C | Kuntratt fl-Atti tan-Nutar XX XX tal-XX XX XX fejn il-konvenuta AM ittrasferiet lill-konvenut l-iehor NRD nofs indiviż tal-istess *utile dominju* ghall-perjodu li kien ghad fadal b'titolu ta' donazzjoni; |
| Dok. D | Kuntratt fl-Atti tan-Nutar XX XX datat XX XX XX li permezz tieghu RS ittrasferiet b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli lill-atturi diversi proprjetajiet; |
| Dok. E | Cedola numru XX/XXXX prezentata fil-Qrati Inferjuri; |
| Dok. F | Kopja ta' ittra ufficcjali numru XX/XXXX; |
| Dok. G | Kopja ta' ittra ufficcjali numru XX/XXXX. |

Avv. John Bonello P.L. Jean-Pierre Busuttil